MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2007

Numru 1401/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlo Ellul)**
**(Spettur Carmelo Abdilla)**

**vs**

**Joseph Cutajar**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Joseph Cuatjar** ta' 23 sena, bin Martin u Mary Grace *nee'* Micallef, imwieled Pieta' nhar it-22 ta' Settembru, 1984, residenti numru 24, 'Tullamarine', Triq Antonio Nani, Rabat, u detentur tal-karta tal-identita numru 444484M;

Talli fil-11 ta' Novembru, 2007, gall-habta tas-2:00am f'Paceville, San Giljan ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' Jean Pierre Meilak (I.D. 362380M, liema persuna huwa inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz dan skond l-artikolu 95 (1) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza, jew hebb, ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra l-istess Sur Jean Pierre Meilaq, persuna inkarigata skon il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u dan bi ksur tal-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti gravi per natura fuq il-peruna tas-Sur Jean Pierre Meilaq kif iccertifikat mit-Tabib Dr. John Cutajar M.D. u mit-Tabiba Dr. Velitchka Agius M.D. tal-Isptar San Luqa u dan bi ksur tal-artikoli 216 (1) (a) (ii) u 222 (1) (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra persuna imsemmija hawn fuq sabiex jingurjaha, iddejjaqha jew jaghmilha hsara lilha jew lil haddiehor kemm-il darba il-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali u dan bi ksur tal-artikolu 339 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-avukat generali skond l-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali Kap 9, kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fuq l-akkuzi kollha hlief it-tieni akkuza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Stante ammissjoni l-akkuzi kollha, hlief it-tieni wahda jirrizultaw pruvati u l-Qorti qed issib lill-imputat hati taghhom;

Semghet lill-prosekuzzjoni tiddikjara illi t-tieni akkuza hija wahda alternattiva ghall-ewwel akkuza u ghalhekk, stante htija fuq l-ewwel akkuza tastejni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni akkuza;

Rat l-artikoli 95 (1), 216 (1)(a)(ii) u 221 (1)(c) tal-Kap 9

Rat il-fedina penali nadifa tal-imptuat;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fejn jirrizulta illi l-ferita gravi tikkonsisti fi ksur ta’ mnieher il-vittma;

Ghal dawn il-mottivi minflok li tikkundannah, il-Qorti qed tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien tlett snin mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------